# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Marzu, 2001.**

**Numru 19**

**Citaz. Nru. 344/01GV**

**Anna Antignolo ghan-nom u in rapprezentanza ta' C & H Bartoli Ltd**

**vs**

**Dieter Fenech ghan-nom tal-Best Western Les Lapins u ta' Ta' Xbiex Lapins Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-kumpanija attrici tinsab kreditrici tal-konvenut nomine fis-somma ta' elfejn hames mija tmienja u tletin lira Maltin tnejn u tmenin centezmi (Lm2,538.82) bilanc ta' somma akbar prezz ta' *dishwasher*, *slicer*, dvalji tal-imwejjed u *spare parts* mibjugha u konsenjati lill-konvenut nomine, kompriz xoghol maghmul fuq inkarigu tieghu kif ukoll kompriz l-imghax sat-22 ta' Frar, 2001, u dana skond li '*statement of account*' hawn anness markat Dok. A;

Premess illi l-konvenut nomine ghalkemm interpellat b'ittra legali (Dok. B), u ghalkemm ghamel diversi promessi ta' hlas kif jidher mill-korrispondenza hawn annessa u mmarkata Dok. C, D u E u sa anke' ghamel *cheques* li ma ssarfux (Dok. F u G), ghadu sallum ma hallasx l-imsemmija somma ta' elfejn, hames mija tmienja u tletin lira Maltin, tnejn u tmenin centezmi (Lm2,538.82);

Premess illi l-kreditu tal-kumpanija attrici huwa cert, likwidu u dovut u l-konvenut nomine m'ghandu ebda difiza valida kontra t-talba attrici;

Ghaldaqstant l-attrici nomine talbet lil din il-Qorti:

1. Taghti s-sentenza taghha u tilqa' t-talba tal-attrici nomine bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza u dana kif provdut fl-art. 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna minnufih lil konvenut nomine biex ihallas lill-attrici nomine l-imsemmija somma ta' elfejn hames mija tmienja u tletin lira Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm2,538.82) dovuta kif fuq inghad skond id-dokument A fuq imsemmi;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra legali fuq imsemmija (Dok. B) tal-21 ta' Awissu, 2000 u bl-imghax ta' 8% fis-sena mit-23 ta' Frar, 2001 kontra l-konvenut nomine.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-attrici nomine;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenut nomine li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Rat in-nota tal-attrici nomine fejn cediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawza u fejn zammet ferm il-kap tal-ispejjez u l-imghax;

Semghet l-avukat tal-attrici nomine;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba ghall-ispejjes u ghall-imghax tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-konvenut nomine tiddecidi billi tilqa' t-talba ghall-ispejjes u ghall-imghax, bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**